Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 7/2015

**Untours Insurance Agency Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' Alexander Grech u Alexander Grech**

**Vs**

**Carmel Mifsud u Edmark Mifsud**

12 ta' Jannar, 2018.

1. Permezz ta' avviz, l-atturi talbu lit-Tribunal tal-Arbitragg sabiex tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) rapprezentanti hlas lill-assigurat Alexander Grech ta' hsarat cioe' kumpens ta' hsarat fil-vettura tieghu rizultat ta' incident awtomobilistiku tad-19 ta' Marzu, 2011, bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra Carmel Mifsud;

2. Il-konvenut wiegeb:

   *"(i) Illi assolutament ma huwiex minnu illi l-konvenut huwa b'xi mod resposabbli ghall-incident awtomobilistiku ta' nhar id-19 ta' Marzu 2011, bejn il-vetturi misjuqa minnu u minn Alexander Grech.*

   *(ii) Illi huwa kien kontinwament in osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tant li kien diga' waqaf wara l-linja marka tal-Istop Sign meta gara l-incident in kwistjoni u li ma kellux ghalfejn u lanqas il-hin li jaghmel xi manuvra sabiex jevita l-incident.*

   *(iii) Illi effettivament li gara kien li Alexander Grech kien ghaddej b'velocita' eccessiva fi Triq il-Panorama, li miz-Zurrieq tiehu ghal Hagar Qim. Il-konvenut appellant kien tiela minn Wied iz-Zurrieq u sakemm waqaf fuq l-Istop Sign sab lil Alexander Grech fuqu tant li dan tal-ahhar ma kellux abilta' li jieqaf minhabba velocita' eccessiva u kkagunat l-incident msemmi.*

   *(iv) Illi l-konvenut appellant ma kienx 'il barra mil-lija marka tal-Istop Sign u kien minhabba li Alexander Grech ken qieghed isuq wisq qrib il-genb tat-triq b'velocita' eccessiva li habat mal-vettura tal-konvenut appellant. Tant li l-vettura ta' Alexander Grech ghamlet impatt mal-vettura tal-konvenut bil-*

*kantuniera tal-van u mhux bil-faccata kif kien jigri kieku l-konvenut kien sporgut il-barra mil-linja marka tal-Istop Sign.*

*(v) Illi Alexander Grech ipprova jgib favurieh is-sitwazzjoni billi allega mal-pulizija li r-rikorrenti kien fi stat xurban tant li l-pulizija ghamlu diversi mistoqsijiet sabiex jivverifikaw din l-allegazzjoni b'rizultat negattiv.*

*(vi) Illi l-istqarrija ad hoc tar-rikorrenti fuq il-post tal-incident saret waqt li r-rikorrenti kien fi stat ta' wgieh u ma spjegax il-fatt li minhabba l-velocita' eccessiva tal-vettura JBG592, il-vettura tieghu ddawret f'posizzjoni li taghti wiehed x'jifhem li kienet 'il barra mil-linja marka tal-Istop Sign."*

Saret ukoll rikonvenzjoni minn Carmel u Edmark Mifsud kontra l-attur fejn talbu s-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), rapprezentanti hsarat cioe' kumpens ta' hsarat fil-vettura taghhom rizultat ta' incident awtomobilistiku tad-19 ta' Marzu, 2011, bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra Alexander Grech u Untours Insurance Agency li huma allegaw li sehh unikament ghal ragunijiet imputabbli lill-istess Alexander Grech.

3. Alexander Grech wiegeb li ma kienx responsabbli ghall-incident de quo u rrepetew dak dikjarat minnhom fit-talba originali taghhom.

4. B'decizjoni tat-12 ta' Frar, 2015, it-Tribunal tal-Arbitragg iddecieda:

   *"Illi l-Arbitru huwa tal-opinjoni li ghall-incident meritu ta' din il-kawza kien unikament responsabbli l-intimat stante li sporga minn triq sekondarja ghal wahda principali f'road junction minn fuq stop sign minghajr id-debita attenzjoni u perizia.*

   *L-intimat qed jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €5,000 in linea ta' danni subiti rikorrenti oltre' interessi sad-data tal-pagament effettiv rizultat ta' l-istess kollizjoni.*

   *Il-kontro talbiet qed jigu michuda.*

   *Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat."*

5. Il-konvenut flimkien ma' Edmark Mifsud, li l-qorti fehmet li hu sid il-vettura Citroen, appellaw bl-aggravju jkun li t-Tribunal ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi ghal dak li jirrigwarda responsabbilta' f'incident stradali u ghal dak li jirrigwarda l-piz tal-prova prodotti. Minkejja li l-Arbitru ccita rassenja ta' gurisprudenza ghal dak li jirrigwarda responsabbilta' naxxenti mill-ezistenza ta' stop sign, l-applikazzjoni ta' l-istess principji legali ghal kaz in dizamina da

parti tal-istess Arbitru kien zbaljat. Deher bic-car li l-Arbitru lanqas biss ha konjizzjoni tar-ritratti ezebiti f'CD (Dok.CM5) u kkonkluda biss li galadarba l-appellant kien hiereg minn fuq stop sign, ir-resposabbilta' de quo kienet bilfors tieghu.

6. L-atturi wiegbu li l-appell hu null u bla effett stante li kien prezentat *fuori termine*. L-appell kien prezentat fit-3 ta' Marzu, 2015 u cioe' 19-il gurnata wara d-decizjoni in kwistjoni. Inghad li *ai termini* tal-Artikolu 70B tal-Kap.387 l-appell irid isir fi zmien hmistax (15-il gurnata) minn meta tigi ricevuta d-decizjoni finali jew, jekk kien hemm xi process ta' arbitragg ta' appell jew revizjoni, mid-data meta l-parti kienet notifikata bir-rizultat ta' dak il-process, jew meta l-process kien mod iehor kompletat, jew minn meta jkun skada z-zmien ghalih. F'din il-proceduri ma kien hemm ebda process ta' revizjoni tad-decizjoni in kwistjoni u konsegwentement id-data tad-decizjoni finali hija dik tat-12 ta' Frar, 2015. Illi b'hekk l-appell odjern kellu jigi ntavolat sa mhux aktar tard mis-27 ta' Frar, 2015. Fil-meritu taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud.

7. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

8. Fl-ewwel lok ser tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari tal-atturi, u tosserva:

   i. Id-decizjoni nghatat fit-12 ta' Frar, 2015.
   ii. Il-konvenuti pprezentaw l-appell fit-3 ta' Marzu, 2015.
   iii. Skont l-artikolu 70B tal-Kap. 387, appell ghandu jsir minn meta tigi ricevuta d-decizjoni finali.

   M'hemmx prova meta l-appellanti rcevew id-decizjoni finali. Fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2017, Dr Fiona Galea Farrugia (Registratur, Centru Malti tal-Arbitragg) qal, li d-decizjoni ntbaghatet lill-partijiet *"permezz ta' posta normali dakinhar stess"*. Pero' jibqa' 'l fatt li m'hemmx prova tad-data meta l-appellanti kienu notifikati bid-decizjoni finali. Ghalhekk dan l-aggravju hu michud.

9. Il-qorti tibda billi tosserva li ma tifhimx kif fir-rikonvenzjoni ssemma bhala parti Edmark Mifsud, li ma kienx parti mharrek mill-atturi. Rikonvenzjoni ghandha ssir mill-konvenut/intimat, u mhux minn terza persuna li m'hijiex parti ghall-procediment. L-atturi ma harrkux lil Edmark Mifsud.

10. Il-kawza tikkoncerna incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' Marzu, 2011 f'Wied iz-Zurrieq, Qrendi. L-appellant kien qieghed isuq il-vettura Citroen C15 u hareg minn triq sekondarja. L-appellant isostni li ghalkemm il-vettura tal-appellat (Isuzu JBG 592) kienet ghaddejja mit-triq principali, hu evidenti li x-xufier kien qieghed isuq b'velocita' eccessiva. F'dan ir-rigward ghamel riferenza ghal *compact disc* li kien prezentat waqt il-gbir tal-provi.

11. Il-verzjoni li nghatat mix-xufiera u kif rapportata fir-*road accident report*, taqra hekk:

    i. Alexander Grech (Isuzu JBG 592) – *"Kont ghaddej bil-vettura tieghi cioe Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni JBG 592 minn Triq il-Panorama Zurrieq sejjer dritt direzzjoni lejn Hagar Qim u f'hin minnhom vettura tat-tip Citroen bin-numru tar-registrazzjoni EXS 004 li kienet tiela' mit-Triq ta' Wied iz-Zurrieq min-naha tal-passiggieri tieghi baqghet hierga minn fuq l-istop sign bil-konsegwenza li baqa' diehel fuq il-vettura tieghi u sehhek il-kollizjoni"*.
    ii. Carmel Mifsud (Citroen EXS004) – *"Kont tiela' minn Wied iz-Zurrieq bil-vettura tat-tip Citroen bin-numru ta' registrazzjoni EXS004 sejjer direzzjoni lejn il-Qrendi u kif appena wasalt fuq li stop sign waqaft kif suppost mal-line u f'daqqa wahda min-naha tal-lemin tieghi osservajt van tat-tip Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni JBG 592 niezel bi speed eccessiv mid-direzzjoni taz-Zurrieq u x'hin wasal mieghi laqatni fuq quddiem, bil-gemb ta' quddiem tieghu tan-naha tal-passiggier bil-konsegwenza li bl-istess daqqa tefghani mal-gemb tan-naha tax-xellug tat-triq fuq Central Strip"*.

12. Ghall-qorti, il-verzjoni ta' Carmel Mifsud mhijiex kredibbili. Mir-ritratti li juru l-hsara fil-vann Isuzu hu evidenti li kienet il-vettura Citroen li habtet fil-vann. Fil-fatt il-hsara fil-vann principalment qeghda fil-bieba tal-passiggier. Li kieku d-dinamika tal-incident grat kif iddeskriviha l-appellant, il-probabbilta' hi li l-hsara fl-Isuzu kienet tkun tul il-faccata. Il-qorti zzid li mill-iskizz stess hu evidenti kif l-incident ma sehhx bil-mod kif iddeskriva l-konvenut. Il-*brake mark* ta' zewg metri li hemm wara l-van Isuzu (ara skizz), jsahhah il-fehma tal-qorti li dan ma kienx kaz li l-vann Isuzu habat fil-vettura tal-appellant waqt li l-vettura Citroen kienet wieqfa wara s-sinjal 'STOP'. *Brake mark* li mill-karreggata li kien ghaddej minnha l-vann imur fid-direzzjoni tal-karreggata opposta u mhux lejn it-triq sekondarja li minnha hareg il-konvenut. Indizju iehor kontra l-verzjoni tal-konvenut. Biex l-incident sehh bil-mod li ddeskriva l-konvenut, kien ifisser li l-attur tilef il-kontroll tal-Isuzu u kiser fuq ix-xellug. Kieku gara hekk ma kienx ser ikun hemm il-*brake mark* li jidher fl-iskizz.

13. Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant, *brake mark* ta' zewg metri m'huwiex prova ta' velocita' eccessiva.

14. Hu minnu li l-vetturi sofrew hsarat kbar u Mifsud wegga'. Pero' l-qorti m'hijiex f'posizzjoni tghid li dan fih innifsu hu indizju li l-incident sehh minhabba velocita' eccessiva min-naha tal-attur. Il-kawza promissa tal-incident kien il-fatt li l-konvenut baqa' hiereg minn fuq *stop sign*. It-triq li fiha sehh l-incident

tinsab f'zona mhux urbana[1]. Hu evidenti li l-attur, li kien qieghed isuq b'velocita' li setghet kienet sa tmenin kilometru fis-siegha, sab ma' wiccu l-vettura tal-konvenut li kienet qeghda taqsam it-triq principali. Hu evidenti li f'dawk ic-cirkostanzi l-impatt kien ser ikun vjolenti. Il-qorti minghajr ezitazzjoni tikkonkludi li l-kawza prossima tal-incident kienet proprju l-manuvra li ghamel il-konvenut u xejn iktar. Ir-ritratti tal-vettura tal-appellant li hemm fil-*compact disc* CM5 m'humiex prova li l-incident sehh bil-mod li ddeskriva l-appellant jew li l-incident gara minhabba sewqan eccessiva tal-appellat.

15. Fir-rikors tal-appell, l-appellant qal ukoll:

*"Finalment ghandu jinghad ukoll li l-komportament ta' Alexander Grech fil-mument tal-incident huwa ndikattiv tal-fatt li kien ben konxju ta' nuqqasijiet da parti tieghu. Fil-fatt meta waslu l-pulizija fil-post, l-ewwel haga li pprova jaghmel Alexander Grech kien li jipprova jallega li l-appellant Carmelo Mifsud kien fi stat ta' sokor. Allegazzjoni li giet mxejna mill-pulizija li kien hemm fuq il-post li zgur ma jistax jinghad li ma kinux oggettivi"*.

Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Dak li seta' ntqal minn Grech m'huwiex prova li ntqal b'*mala fede* biex ifarfar ir-responsabbilta' ghal fuq haddiehor. Din hi biss spekulazzjoni tal-appellant.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-atturi, bl-ispejjez kontrihom.**
2. **Tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.

[1] Fil-fatt fil-parti ta' fuq tal-iskizz hemm il-kelma *"Rural"*.